MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 953/2012

**SPETTUR GABRIEL MICALLEF**
**VS**
**SAID BOUSLAMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Said Bouslama ta' 45 sena, bin Mohammed Ben Khamis Ben saleh Bouslama u Mahraziyah nee' Altaraboulsi, mwieled Tunezija fl- 10 ta' Settembru 1966, residenti 97, Vilhena Court, 18, Triq il- Hgejjeg, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 436993M;

Talli nhar il- 5 ta' Mejju 2012 ghall- habta tan- 00.30hrs fi Triq il- Kavetta, San Pawl il- Bahar;

1. volontarjament ghamel hsara fuq vettura FBP 021 tal- ghamla Toyota liema hsara taccedi l- valur ta'

116.47 izda ma tiskorrix €1164.69 liema hsara saret ghad-detriment ta’ Maria Dolores Camilleri;

2. kif ukoll talli fl- istess cirkostanzi volontarjament ghamel hsara fuq tieqa ta’ residenza no 20 Frankfurt, Flat 2, Triq il- Kavetta, San Pawl il- Bahar liema hsara ma taccedix il- valur ta’ 116.47 ghad- detriment ta’ Peter Joseph Camilleri;

3. kif ukoll talli kiser il- paci u l- ordni pubbliku b’ ghajjat jew glied;

4. kif ukoll talli ghamel ingurji bi kliem fil- konfront ta’ Peter Joseph Camilleri;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 325(1)(b), 325(1)(c), 338(dd) u 339(d) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ mitejn u hmistax- il ewro u sitta u hamsin centezmi (€215.56) lill- parti leza fi

zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------